MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## DOREEN CLARKE

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 9/2006

**ATV Travel limited**

**vs**

**Mark Galea**

It-Tribunal

Ra l-Avviz f'l-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta' Dicembru 2005 li permezz tieghu s-socjeta attrici talbet hlas tas-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) dovuta bhala prezz ta' biljett ta'l-ajru u akkomodazzjoni f'lukanda u taxxi relattivi, b'l-imghaxx u b'l-ispejjez inkluz dawk ta'l-ittra interpellatorja.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigu pruvat ai termini ta' l-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 13 (b) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie notifikat b'l-avviz fis-7 ta' Jannar 2006, naqas li jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anke llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi jilqa t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas s-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) b'l-imghaxx u b'l-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------